# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju 2002

## Avviz numru : 35/2002GT(GM)

**Theresa sive Tessie Mercieca**

**vs**

**Baby Care Co. Ltd**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"L-attrici Tessie Mercieca kienet impjegata mal-kumpannija konvenuta fejn kienet ilha impjegata ghal madwar hdax-il sena;**

**Illi proprju fil-5 ta' Novembru 2001 l-attrici tat in-notice lill-kumpannija konvenuta li kienet behsiebha tispicca mix-xoghol. Illi ghalhekk kellha tahdem tmien gimghat tan-notice;**

**Illi l-attrici hadmet l-ewwel gimgha tan-notice u ezatt wara din il-gimgha irceviet ittra li kienet tinfurmaha li tkecciet mix-xoghol;**

**Illi l-attrici ghandha tiehu ta' seba gimghat paga li kien fadlilha tahdem mal-kumpannija konvenuta u ghalhekk fadlilha tithallas is-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385) minghand il-kumpannija konvenuta;**

**Ghaldaqstant l-attrici qed titlob lit-Tribunal sabiex jordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallasha s-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385)."**

**Ra r-risposta:**

1. **Illi mhuwiex dovut mis-socjeta' konvenuta l-hlas pretis mill-attrici, u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha;**

2. **Illi s-socjeta' konvenuta kienet gustifikata u kellha raguni tajba u bizzejjed biex tittermina l-impjieg tal-attrici minn maghha minghajr ma taghti avviz u minghajr ebda obbligu li taghmel il-**

**hlas li qed jigi pretis mill-attrici, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;**

3. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Sema' x-xhieda u qara d-dokumenti esibiti**

**Ikkunsidra**

**Illi mill-provi jirrizulta illi l-attrici nghatat avviz tat-tkeccija flimkien ma' twissija ghal nuqqasijiet li kkommettiet waqt ix-xoghol taghha ta' salesgirl mas-socjeta' konvenuta, illi qatt ma nghatat warning qabel tul karriera twila mal-istess kumpannija, illi pero' uhud mill-allegati nuqqassijiet tabilhaqq kienu gew kommessi, inkluz dak kontemporanju ghat-twissija u cioe' li ma tatx lill-employer taghha lista tal-merkanzija mibjugha.**

**Illi t-Tribunal ihoss illi f'dan il-kaz ghandu japplika l-principji tal-ekwita', fis-sens illi min-naha l-wahda mhux gust li wiehed jinghata warning ghall-ewwel darba proprju meta jaghti avviz ta' terminazzjoni tal-impjieg lill-employer tieghu, izda min-naha l-ohra hadd m'ghandu jahseb li ghax impjegat ghandu biss drittijiet inkluz xi dritt li jaghmel li jrid u jisfida lil min jimpjegah.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, izda limitatament ghas-somma ta' LM192.50c. Spejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**